*RIMEDJU PROVIZORJU - INTERIM RELIEF*

*ORDNI TA' RITORN*

*KAP 217 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum l-Erbgha 4 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Numru: 107/2016/1/LSO fl-ismijiet:-**

**Jamburu Jara (Police number 11F-263), Issa Jaruke (Police number 15A-53), Mama Sangare (Police number 15A-74), Wali Traore (Police number 15A-27), Selia Konate (Police number 11D-65), Mamadou Camara (Police number 14C-77), Segu Diba (Police number 11B-122), Mamadou Traore (Police number 08YY-006), Ibrahim Camara (Police Number 14C-67)**

**vs**

1. **Kummissarju tal-Pulizija Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
2. **Ministru tal-Intern**
3. **Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ir-rikors bl-urgenza tar-rikorrenti datat it-23 ta' Dicembru 2016.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha datat is-27 ta' Dicembru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Dicembru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u r-rikorrenti. Deher l-Ispettur Mario Haber ghall-Kummissarju tal-Pulizija bhala Principal Immigration Officer assistit mill-Av. Victoria Buttigieg ghall-intimati kollha.

L-Av. Cappitta ddikjara li hu ser jittraduci dak li qed isir lill-patrocinati tieghu u ghalhekk mhux qed jitlob li l-proceduri odjerni jinzammu bil-lingwa Ingliza jew jitlob il-hatra ta’ interpretu.

L-Av. Buttigieg iddikjarat li r-"removal order" inghata mal-wasla tar-rikorrenti, ukoll ir-rikorrenti kollha applikaw ghar-"refugee status" izda t-talba giet michuda kemm mill-Kummissarju tar-Refugjati kif ukoll mill-Bord tal-Appell tar-Refugjati.

L-Av. Cappitta nforma lill-Qorti li hadd mir-rikorrenti m’hu mizzewweg lil cittadina Maltija u m’ghandhomx tfal f'Malta.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors fid-dettal.

L-Av. Buttigieg esebiet dokument **VB 1**. Il-Qorti ordnat lill-intimati sabiex jesebixxu kopja legali bil-*visto* jew notifika tad-difensur rikorrenti tal-ordnijiet tat-tnehhija, riferibbilment ghal kull rikorrent.

Ir-rikors differit ghal digriet kamerali.

**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi dan huwa provvediment rigwardanti talba maghmula mir-rikorrenti li permezz tal-istess qed jitolbu rimedju provizorju ("*interim measure")* fis-sens li sakemm jigu decizi dawn il-proceduri din il-Qorti :

i) tordna ir-rilaxx taghhom mid-detenzjoni pendenti l-proceduri quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet kif ukoll li, fl-istess pendenza;
ii) ma jigux deportati; u
iii) kwalunkwe arrangament ghal dan il-ghan ghandhom jithassru jew jitwaqqfu.

**Illi l-intimati opponew ghat-talbiet billi ssottomettew li :**

(i) Din il-Qorti m'ghandhiex poter li tohrog mizuri provvizorji;
(ii) Li r-rikorrenti setghu jattakkaw id-detenzjoni taghhom permezz ta' rikors intavolat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni;
(iii) Bit-talba odjerna l-Qorti qed tigi mitluba effettivament biex tiddeciedi l-mertu tal-kaz li ghandha quddiemha;
(iv) *Interim measures* huma mizuri straordinarji applikabbli fejn hemm lanjanza ta' ksur tal-artkoli 2 (dritt ghall-hajja) u 3 (protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti) tal-Konvenzjoni li mhumhiex fil-mertu fil-kawza.

**Fatti rilevanti ghall-kaz**

Illi qabel xejn il-Qorti tinnota li kull ma qed jigi premess fir-rikors odjern huwa *sic et simpliciter* li r-rikorrenti jinsabu detenuti f'Hal Safi pendenti l-eventwali deportazzjoni taghhom lejn il-Mali, liema deportazzjoni qed tigi kkontestata fir-rikors promotur.

Taghmel ghalhekk riferenza ghall-kuntest fattwali espost fir-rikors promotur fejn gie premess li mal-wasla taghhom f'Malta bejn is-snin 2008 sa 2015, inharget decizjoni ghar-ritorn fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti, liema decizjoni setghet tigi appellata fi zmien 3 t'ijiem tax-xoghol. Dak iz-zmien huma ma kellhomx access ghall-ghajnuna legali u ghalhekk jghidu li ma setghux jappellaw id-decizjoni imsemmija.

Madanakollu xorta baqghu ma gewx deportati u hemm fosthom li qatta diversi snin f'Malta. F'Novembru tas-sena 2016 gew arrestati u detenuti fic-centru tad-detenzjoni f'Hal Safi sabiex jigu deportati lejn pajjizhom.

L-istess rikorrenti tramite id-difensur taghhom iddikjaraw li m'ghandhomx tfal hawn Malta u li mhumiex mizzewgin lill-cittadini Maltin.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti istitwew proceduri kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti fejn issottomettew li d-decizjoni ghar-ritorn, id-detenzjoni u d-deportazzjoni taghhom huma lesivi tal-artikolu 5, 8 u 13 tal-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** (‘il quddiem imsejjah 'Il-Konvenzjoni') (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta); tal-artikoli 1, 7 u 47 tal-**Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea** u tad-**Direttiva tal-Unjoni Ewropea numru 2008/115/EC** (*The Return Directive)*. Inoltre qed jallegaw ksur tal-artikolu 31 tal-**Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifugjati maghmula f'Ginevra**, u tal-artikolu 32 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Dokumenti Esebiti**

Fuq ordni tal-Qorti l-intimati esebew kopja tal-Ordnijiet tat-Tnehhija li inhargu fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti.[1] (Dokti AG1- AG9). Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-ordnijiet inhargu rispettivament fis-sena 2008, 2011, 2014 u 2015.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Illi l-punti ssollevati mill-intimati gew ikkonsidrati f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-principji enuncjati, senjatament in-natura straordinarja ta' mizuri provizorji fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali fejn il-Qrati taghna affermaw il-kompetenza taghhom li jaghtu dawn il-mizuri.

Hekk ad ezempju fil-kaz fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali, Rik. Nru. 36/03** moghtija fit-23 ta’ April 2004 il-qorti ikkonsidrat talba ghall-mizura provizorja izda cahhditha wara li kkonsidrat li : "*skont il-prassi taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 'interim relief' jinghata meta 'there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm' u generalment jinghata f’kazijiet fejn hemm 'an alleged risk to life or ill treatment' fosthom kazijiet ta’ ‘deportation’ u ‘explusion’ ghal stati* <u>*fejn ir-riskju ghall-hajja huwa kbir hafna*</u>*." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Illi din il-qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et** (PA (Kost) - per On.Imh.J.R.Micallef - 2 ta' Gunju 2014) enuncjat il-principji legali u dottrinali li ggwidaw il-Qrati taghna fil-materja ta' *interim relief* :-

"*Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f’kawżi ta’ għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b’mod eżawrjenti f’xi dispożizzjoni*

[1] Nota ppresentata fit-30 ta' Dicembru 2016

*partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;*

*Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[2];*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[3]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[4]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[5];*

*Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew*

---

[2] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et**

[3] *Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110*

[4] *Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113- Illi fil-pag 113 et seq –*

*... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. (enfasi u sottolinear tal-qorti)*

[5] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.

*kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

Il-Qorti tabbraccja dawn il-principji u taghmilhom taghha u ghalhekk taqbel li ghandha l-kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni ghall-mizuri *pendente lite.*

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tordna mizuri sew pozittivi (jigu rilaxxjati mid-detenzjoni) sew negattivi permezz ta' ingunzjoni kontra id-deportazzjoni taghhom u t-twaqqif tal-proceduri ghat-tnehhija taghhom minn Malta.

Fil-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tghid illi :-

"*As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**[6] jsostnu li: "*After articles 2 and 3,*

*"..... Another category is when immigrants are to be deported from a contracting party and allege only that the deportation will violate their private and family life, the rest of the family residing in the contracting party concerned. Rule 39 will only be applied exceptionally in such cases (indeed there would be a presumption that it would not be applied)*

[6] Law of the European Convention on Human Rights (3rd Ed.) p 142

*<u>since it is rare that the ' irreparable damage test'  will be met."</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll illi fil-pagna 113 *et seq*. tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu –

*"… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, <u>and</u> the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination." (enfasi u sottolinear tal-qorti)*

**Applikazzjoni ghal kaz in ezami.**

Ikkonsidrat li t-talbiet dedotti fil-kawza huma ppernjati principalment fuq l-artikoli 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.  Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 8 ir-rikorrenti jallegaw li hemm minnhom li ilhom f'Malta ghal numru ta' snin, jahdmu u jhallsu t-taxxi u b'hekk integraw fil-hajja lokali. Ma jirrizultax *prima facie* li ghandhom familji hawn Malta.

Jigi sottolineat li l-indagni ta' din il-Qorti llum mhix wahda approfondita imma hija cirkoskritta mill-konsiderazzjoni li r-rimedju mitlub huwa wiehed eccezzjonali, fejn ghandu jirrizulta dritt mqarr fuq bazi *prima facie* u fejn ikun hemm pregudizzju rrimedjabbli (*irreparable damage)* jekk it-talba ghall-*interim order* ma tintlaqax. Dawn iz-zewg elementi ta' lezjoni *prima facie* u ksur irrimedjabbli huma kumulattivi.

Illi ghal dak li jirriwgarda l-aspett tal-ksur *prima facie* tad-drittijiet lanjati, jigi senjalat li **l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea** jammetti eccezzjoni ghad-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna proprju fejn l-arrest jew id-detenzjoni saru skont il-liġi biex jiġi evitat li persuna tidħol

mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta’ persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.

Illi ghalkemm l-abbli difensur tar-rikorrenti ssottometta fit-trattazzjoni orali li bir-rikors promotur qed jimpunja l-legalita' tal-ordni tar-ritorn, u ghaldaqstant ukoll ir-regolarita' tad-detenzjoni, ghall-fini tat-talba *ad interim,* tali illegalita' ma tirrizultax billi l-ordnijiet tar-ritorn gew debitament esebiti u d-detenzjoni u d-deportazzjoni qed isiru in segwitu ghal tali ordni. Ghaldaqstant il-Qorti trid f'dan l-istadju timxi fuq il-premessa li l-ordni tar-ritorn inhareg legalment fir-rigward ta' kull rikorrent. Dan ovvjament jipprexxindi minn dak li jista' jirrizulta fl-indagni aktar approfondita li ghandha ssir fit-trattazzjoni fil-mertu tal-kawza.

Illi r-rikorrenti sahhqu fuq in-necessita` tad-detenzjoni izda ma ressqu l-ebda prova dwar dan. Inoltre jiddisponu minn rimedju ordinarju biex jitolbu l-helsien mid-detenzjoni permezz tal-artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta) anke abbazi tal-allegat arbitrarjeta' tad-detenzjoni taghhom.

Similment ma saret l-ebda prova dwar ksur *prima facie* tad-dritt ghall-hajja privata jew ghall-familja kif sanciti **bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.** Anzi saret dikjarazzjoni li r-rikorrenti m'ghandhomx tfal f'Malta u ma sarx l-icken accenn ghall-familji li jistghu ikollhom f'Malta. L-uniku accenn li sar kien ghall-fatt li kienu qed jahdmu u jhallsu t-taxxa hawnhekk b'riferenza ghall-allegat integrazzjoni taghhom fis-socjeta' Maltija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali sottomissjoni ma tissoddisfax l-element ta' prova ta' dritt *prima facie*. L-allegazzjoni ta' ksur ta' xi jedd fondamentali wahidha mhix bizzejjed biex tiskatta r-rimedju mitlub illum u jenhtieg li tali talba tigi sorretta b'xi prova almenu ta' *fumus* ta' dritt.

Illi fid-dawl tal-premess huwa manifest illi l-kaz tal-lum ma jinkwadrax fis-sitwazzjonijiet fejn kien applikat r**-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECtHR** u li jista` jigi applikat *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-lum.

Illi kif gja senjalat, l-element ta' prova ta' ksur *prima facie* u l-irrimedjabbilita' huma kumulattivi. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea li ordnijiet ta' *interim* relief ma jinghatawx f'kaz ta' detenzjoni pendenti l-prosegwiment ta' proceduri ghad-deportazzjoni ta' immigranti illegali kif trattat *ante.* Madanakollu mill-analizi ta' din il-gurisprudenza l-Qorti taghmel enfasi fuq il-fatt li l-proceduri ghad-deportazzjoni ghandhom jigu segwiti b'diligenza mill-awtoritajiet u d-detenzjoni hija *time capped*. Sallum ghalkemm id-difensur tar-rikorrenti allega li kellu dubbji dwar it-tkomplija tal-process ghad-deportazzjoni, dan gie ribattut mid-difensur tal-intimati li sostniet li hemm komunikazzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-awtoritajiet f'Mali ghar-ripatrijar tar-rikorrenti. Fl-assenza ta' prova konkreta, din il-Qorti ma tistax tassumi li l-proceduri ma tkomplewx. Madanakollu din hija kwistjoni li tincidi fuq il-mertu tal-kaz u tigi investigata fl-istadju opportun.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqies li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissoddisfaw l-elementi mehtiega ghall-ordnijiet rikjesti minn din is-sede u konsegwentement tichad it-talbiet.

**Degretat.**

**Illum 4 ta' Jannar 2017**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**4 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Jannar 2017**